28 ta' Jannar, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Gerarda Dagri et. *versus* Carmela Micallef et.

**Soprassessjoni — Sentenza — Digriet Interlokutorju — Appell — Nullità.**

*Nota karatteristika u distintiva tad-digriet interlokutorju hija li ma jiffurmax ġudikat għall-Qorti li tkun tagħtu, u ma jorbotiex, tant li jista' jiġi revokat "contrario imperio" mill-istess Qorti li tkun tagħtu; men-*

*tri sentenza definittiva tifforma ġudikat għall-Qorti li tkun tatha, u ma tistax tiġi minnha stess revokata, u fl-istess ħin tippreġudika l-meritu tal-kawża.*

*Provvediment li bih il-Qorti tordna s-soprassessjoni f'kawża huwa digriet interlokutorju, u jista' għalhekk jiġi revokat "contrario imperio" mill-istess Qorti li ppronunzjatu.*

*Għalduqstant il-proċedura korretta għal appell minn provvediment simili hija dik per mezz ta' rikors, u mhux dik ta' nota u petizzjoni; u l-appell magħmul bil-proċedura tar-rikors hu validu, fil-waqt li dak magħmul bin-nota u l-petizzjoni huwa irritu u null.*

Il-Qorti;

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn l-atturi qalu li fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon tad-29 ta' Awissu 1945 il-konvenut Angelo Chetcuti ittrasferixxa b'titolu ta' bejgħ lill-konvenuta Carmela Micallef, bil-prezz ta' £1,400, l-utili dominju perpetwu tad-dar li qegħedha ż-Żejtun, Antonio Micallef Street, numri 4, 5 u 6 (il-lum 5, 6 u 7), bħala suġġetta għall-ħlas ta' £1. 10. 0 fis-sena u in perpetwu, rata ta' ċens akbar, u rriżerva favur tiegħu u ta' martu, il-konvenuta Maria Assunta Chetcuti, l-użufrutt tal-istess fond sal-mewt tas-superstiti fosthom, liema użufrutt, in kwantu kostitwit favur l-imsemmija konvenuta Maria Assunta Chetcuti, ġie debitament aċċettat minn dik il-konvenuta fuq l-istess kuntratt fuq imsemmi; u illi l-imsemmi Angelo Chetcuti ma setgħax jiddisponi, la mill-utili dominju u lanqas mill-użufrutt, tat-totalità tal-fond fuq imsemmi, billi huwa kien diġà assenja n-nofs indiviż tal-fond adjaċenti u interkomunikanti nru. 7 (il-lum numru 8), fl-imsemmija triq Antonio Micallef, iż-Żejtun, kif soġġetta għal nofs il-kanone gravanti l-istess fond, u dana b'titolu ta' dota favur l-attriċi Gerarda Dagri bis-saħħa tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Enrico Saydon tat-3 ta' Frar 1937 (dok. B); u li b'dana l-mod l-imsemmi Angelo Chetcuti ġie biegħ fond li fin-nofs indiviż tiegħu ma kienx jappartjeni lilu; talbu illi, wara li isiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, għar-raġunijiet premessi u għal kull raġuni oħra valida fil-liġi, jiġi dikjarat u deċiż minn dik il-Qorti illi l-kun-

tratt ta' bejgħ u kostituzzjoni ta' użufrutt publikat fl-atti tan-Nutar Rosario Frendo Randon fid-29 ta' Awissu 1945, huwa null u mingħajr effett għal dak li jirrigwarda n-nofs indiviż tal-fond fuq imsemmi nri. 4, 5 u 6 (il-lum 5, 6 u 7) Antonio Micallef Street, Żejtun, li jappartjeni lill-attriċi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Jannar 1956 li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni preliminari tal-irritwalità tat-talba; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Novembru 1956, li biha dik il-Qorti ordnat is-soprassessjoni f'dik il-kawża, u tat lill-konvenuti Carmela Micallef u Maria Assunta Chetcuti għoxrin ġurnata żmien biex fih, jekk jidhrilhom, jiddeduċu quddiem il-Qorti kompetenti l-azzjoni meħtieġa għall-korrezzjoni tal-kuntratt ġa msemmi, kif pretiża minnhom; u rriżervat l-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-konvenuti jallegaw li fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' dota magħmul fl-atti tan-Nutar Enrico Saydon fit-3 ta' Frar 1937, Angelo Chetcuti, meta ttrasferixxa favur bintu Gerarda b'titolu ta' dota n-nofs indiviż tal-maħżen iż-Żejtun, Antonio Micallef Street, numri 4, 5, 6 u 7, kien inkorra fi żball materiali, għaliex huwa ried jittrasferixxi lil bintu b'dak il-kuntratt in-numru 7 biss ta' dak il-fond; liema żball, bħala wieħed materiali, jista' jiġi korrett, għaliex ma jaqgħax taħt ir-regoli tal-azzjonijiet ta' impunjazzjoni ta' kuntratti. B'sostenn tal-allegazzjoni tagħhom, il-konvenuti għamlu riferenza għal diversi ġudikati ta' dawn il-Qrati, riportati fil-Kollezzjoni tas-Sentenzi, Vol. IX, 253; XVII-II-60; XXX-II-147; 168;

Illi fil-fehma ta' dina l-Qorti, fil-każ taħt konsiderazzjoni ma jittrattax minn sempliċi żball materiali li jista' f'kull żmien jiġi korrett. Kien ikun tali kieku kien jittratta, bħal ma fis-sentenzi ċitati mill-konvenuti, minn żball ta' kalkolu, partikularment meta dan jittieħed f'att ta' tran-

sazzjoni, li jista', wara talba, jiġi korrett (art. 1829 Kodiċi Ċivili); imma hu evidenti li ma hux żball ta' kalkolu dak ta' meta wieħed jikkostitwixxi b'titolu ta' dota, f'lok fond wieħed, tnejn jew iżjed;

Illi, f'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk il-konvenuti jidhrilhom li Angelo Chetcuti ried jittrasferixxi lil bintu Gerarda, b'titolu ta' dota, il-fond bin-numru 7 biss, u mhux dawk mieghu bin-numri 4, 5, u 6 Antonio Micallef Street, Żejtun, huma għandhom jimpunjaw dak il-kuntratt skond kif trid il-liġi;

Rat ir-rikors tal-konvenuti, li bih dawn appellaw mid-deċiżjoni fuq imsemmija tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Novembru 1956, u talbu li dik id-deċiżjoni tiġi revokata, u li jiġi deċiż li fil-kuntratt publikat minn Nutar Enrico Savdon fit-3 ta' Frar 1937, kien hemm żball materjali fid-deskrizzjoni tal-fond kostitwit in dota, billi skond **il-volontà komuni tal-partijiet dan kellu jkun biss nofs** il-maħżen, u mhux kif erroneament deskritt fl-istess att; **bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi** kontra l-atturi appellati;

Rat ir-risposta tal-atturi għar-rikors tal-appell tal-konvenuti, fejn intqal illi, aktar milli null, ir-rikors tal-appell tal-konvenuti huwa ineżistenti, billi, kif jidher mill-art. 247(1) u 227(4) tal-Kodiċi Proċedurali, ma setgħax jiġi riċevut jekk mhux flimkien mal-garanzija għall-ispejjeż tal-appell; u mill-atti stess tal-appell jirriżulta li, waqt li r-rikors ġie preżentat fl-14 ta' Novembru 1956, il-malleverija ġiet offerta u preżentata l-ġurnata ta' wara; u żdied intqal li fil-meritu d-deċiżjoni appellata hija ġusta. Iżda l-provvediment tal-Ewwel Qorti ma jmurx iżjed il-bogħod minn dak li hemm fid-dispożittiv, u ma jinkludix id-dikjarazzjoni li l-iżball in kwistjoni mhux ta' kalkolu; u għalhekk hija "extra petita" t-talba tal-appellanti li jiġi deċiż illi fil-kuntratt publikat minn Nutar Enrico Saydon fit-3 ta' Frar 1937 hemm żball materjali fid-deskrizzjoni tal-fond kostitwit in dota, billi skond il-volontà komuni tal-partijiet dan kellu jkun biss nofs il-maħżen, u mhux kif erroneament deskritt fl-istess att. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenuti, li biha dawn appellaw mis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Novembru, 1965;

Rat il-petizzjoni tal-konvenuti appellanti, li biha talbu li d-deċiżjoni fuq imsemmija, minnhom appellata, tiġi revokata, u li jiġi deċiż illi fil-kuntratt publikat minn Nutar Enrico Saydon fit-3 ta' Frar, 1937, kien hemm żball materjali fid-deskrizzjoni tal-fond kostitwit in dota, billi skond il-volontà komuni tal-partijiet dan kellu jkun biss nofs il-maħżen, u mhux kif erroneament deskritt fl-istess att; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

Rat ir-risposta tal-atturi appellati, li wieġbu illi, indipendentement mill-kwistjoni jekk bid-duplići proċedura adottata mill-appellant dawn ivvjolawx jew le il-prinċipju "selecta una via non datur recursus ad alteram", l-appellanti ma setgħu qatt jipproċedu permezz ta' petizzjoni meta l-proċeduri tagħhom per mezz ta' rikors ma ġewx ċeduti; u li l-proċedura per mezz ta' petizzjoni hija irritwali, peress li l-pronunċjament tal-Ewwel Qorti kien digriet interlokutorju, u mhux sentenza. Fil-meritu, l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx il-pont li l-iżball in kwistjoni mhux ta' kalkolu, u għalhekk hija "ultra petita" t-talba tal-appellant li jiġi deċiż illi fil-kuntratt publikat minn Nutar Enrico Saydon fit-3 ta' Frar, 1937 kien hemm żball materjali fid-deskrizzjoni tal-fond kostitwit in dota, billi skond il-volontà komuni tal-partijiet dana kellu jkun biss nofs il-maħżen, u mhux kif erronement deskritt fl-istess att;

Rat l-attijiet kollha tal-kawża, u semgħet l-avukati;

Ikkunsidrat;

Illi, qabel xejn, jeħtieġ jiġi maqtugħ liema hija valida miż-żewġ pro.eduri adottati mill-appellanti biex jappellaw mid-deċiżjoni appellata tal-Ewwel Qorti. Is-soluzzjoni ta' dil-kwistjoni tiddependi minn jekk id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienetx sentenza definittiva inkella digriet interlokutorju. Nota karatteristika u distintiva tad-digriet interlokutorju hija li ma jiffurmax ġudikat għall-Qorti li tkun tagħtu, u ma jorbothiex, tant li jista' jiġi revokat "contrario

imperio" mill-istess Qorti li tkun tagħtu. Għall-kuntrarju, is-sentenza definittiva għall-Qorti li tkun tatha tkun tifforma ġudikat, u ma tistax t.ġi revokata minnha stess; u fl-istess ħin tippreġudika l-meritu tal-kawża;

Bid-deċiżjoni appellata, l-Ewwel Qorti tat provvediment proċedurali billi ordnat is-soprassessjoni u mponiet lill-konvenuti terminu biex b'azzjoni appożita jiddeduċu l-pretensjoni tagħhom għall-korrezzjoni tal-kuntratt taddota, in vista tal-eċċezzjoni ta' l-iżball mogħtija minnhom relattivament għal dak il-kuntratt. B'dankollu, l-Ewwel Qorti ma ddeċidietx li kien hemm żball fil-kuntratt kif allegaw l-appellanti. Fil-motivazzjoni, l-Ewwel Qorti rrilevat illi l-iżball, pretiż u allegat mill-konvenut, jekk hemm, ma kienx sempliċement materjali, u li għalhekk kellu jiġi rimedjat b'azzjoni separata, jekk lill-appellanti jidhrilhom. B'dana kollu, l-eċċezzjoni ma ġietx maqtugħa, u l-korrezzjoni tal-pretiż żball la ġiet ammessa u lanqas miċħuda; u jekk tiġi proposta l-azzjoni tal-korrezzjoni tal-kuntratt, il-Qorti ma jkollhiex ġudikat quddiemha li jistabbilixxi definittivament jekk l-iżball huwiex materjali jew sostanzjali. U tabilħaqq, b'liġi espressa, "kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deċiżiva jew obligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożittiv" (art. 217 Kod. Proċ. Ċiv.); u dana ma hux il-każ fid-deċiżjoni appellata, kwantu għall-kwistjoni tannatura tal-iżball. Il-motivazzjoni ma tiffurmax ġudikat, u mhix appellabbli. Mil-banda l-oħra, l-ordni tas-soprassessjoni huwa revokabbli "contrario imperio" mill-istess Qorti li tagħtu. Għaldaqstant, id-deċiżjoni appellata hija digriet interlokutorju, u l-proċedura tal-appell minnu hija per mezz ta' rikors, u mhux petizzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tiddikjara proprja l-proċedura tal-appell tal-appellanti bir-rikors, u tiddikjara irritu u null l-appell magħmul mill-appellanti b'nota u petizzjoni relattivament għad-deċiżjoni appellata; mingħajr preġudizzju tal-kwistjoni tal-eċċezzjoni ta' nullità u eċċezzjonijiet oħra;

L-ispejjeż tal-inċident iħallsuhom l-appellanti; u l-appell jitkompla fuq ir-rikors.